# San Ġużepp u Ħad-Dingli

## 150 sena patrun tal-Knisja Universali

**Fil-ġranet tal-festa ta' Santa Marija, fil-Knisja Arċipretali ta' Ħad-Dingli se jkollna l-bastun devot tal-istatwa ta' San Ġużepp miżmum b'għożża fis-Santwarju Nazzjonali ta' San Ġużepp fir-Rabat. L-inizjattiva qed tittieħed fis-sena li l-Knisja Kattolika qed tfakkar il-150 sena minn meta l-Papa Piju IX pproklama lil San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja Universali. ANDREW BORG jikteb dwar il-figura tal-patrijarka San Ġużepp, l-istorja tal-bastun ta' San Ġużepp u xbihat Ġużeppini f'Ħad-Dingli.**



Meta f'Settembru 2019 ġejt għall-ewwel darba fl-Iskola Primarja ta' Ħad-Dingli biex fiha nibda naħdem bħala Assistent Kap tal-iskola minnufih laqtitni statwa ta' San Ġużepp li hemm fil-kuridur ewlieni ta' din l-iskola. Il-Kap tal-Iskola, is-Sinjura Elizabeth Galea, li b'xi mod kienet saret taf bid-devozzjoni kbira li għandi lejn dan il-qaddis, laqgħetni bil-ħlewwa karatteristika tagħha u qaltli "hawn xi ħadd li tafu żgur f'din l-iskola!" Staqsejtha x'kienet ir-rabta ta' dan il-qaddis kbir mal-iskola primarja ta' dan ir-raħal u qaltli li qabilha kien hemm surmast Rabti Ġużeppin, bħali. Imma meta l-għada pparkjajt il-karozza fit-triq ewlenija għajnejja waqgħu fuq niċċa antika ta' dan il-qaddis, u għidt mela l-ħaġa hija profonda aktar minn hekk! Ma domtx ma ltqajt mal-Arċipriet Dun Mark Mallia Pawley li laqagħni f'daru u wrieni pittura ta' Calì li turi lil San Ġużepp u qalli li din kienet fil-knisja għal żmien twil. Qalli wkoll li fil-knisja hemm statwa ta' San Ġużepp. Hawnhekk bdejt nifhem ukoll kif dan ir-raħal ħelu, bħal ħafna rħula u bliet oħra Maltin, kien iħobb lil San Ġużepp, forsi mhux b'ħafna daqq ta' trombi u ċerimonji, iżda jħobbu verament.

**San Ġużepp ta' Ħad-Dingli, ta' Malta, tad-Dinja**

Fid-diskors li se niżviluppa magħkom hawnhekk jinteressana r-rabta ta' San Ġużepp ma' dan ir-raħal, u b'mod partikulari n-niċċa msemmija u l-kwadru tal-Calì li rreferejt għalih fl-introduzzjoni. Però jinteressana wkoll id-devozzjoni Ġużeppina f'pajjiżna, li xxettlet proprju erba' passi bogħod minn hawn, fejn illum hemm is-Santwarju Nazzjonali ta' San Ġużepp, biswit il-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù fir-Rabat, fejn insibu fost oħrajn id-devozzjoni ħelwa lejn il-Bastun ta' San Ġużepp (ix-Xiħ) li mistenni jkun fil-parroċċa tagħna għal żmien il-festa. Imbagħad sintendi d-diskors tagħna rridu nqiegħduh fi sfond aktar wiesa' u universali, għaliex San Ġużepp hu qaddis meqjum fid-dinja kollha u mid-dinja kollha. Din is-sena qegħdin fil-fatt infakkru l-150 sena minn meta Papa Piju IX ipproklamah bħala Patrun tal-Knisja Universali.

**In-Niċċa ta' San Ġużepp**

Missirijietna, li kellhom għeruq sodi fil-fidi, dejjem raw kif għamlu biex l-imkejjen fejn joqogħdu, fejn jaħdmu, fejn iterrqu u jivvjaġġaw minnhom, iżejnuhom b'immaġini, ikoni, skulturi u statwi ta' Sidna Ġesù Kristu, tal-Madonna u tal-qaddisin. Maż-żmien żviluppat id-drawwa li jsiru niċeċ mal-faċċati tad-djar u l-aktar mal-kantunieri. Fost dawn in-niċeċ iddedikati lill-qaddisin żdiedu bil-bosta dawk iddedikati lil San Ġużepp, x'aktarx wara l-proklamazzjoni li tkellimna dwarha iktar 'il fuq. Fit-triq ewlenija ta' Ħad-Dingli, Triq il-Kbira, insibu waħda minn dawn l-istatwi f'niċċa ma' faċċata ta' dar. Taħtha hemm lapida li ġġib dan il-kliem:




200 JUM INDULGENZA
GĦAL MIN IGĦID
PATER AVE U GLORIA
ARĊISQOF GONZI
30-1V-1949

Hi pjuttost riċenti bħala niċċa fi triq u żgur li ma tmurx lura għaż-żmien li semmejt aktar 'il fuq. Madanakollu żżomm tradizzjoni ferm eqdem li magħha allura torbot indulġenza maħruġa mill-Arċisqof Gonzi li żgur xi wħud minnkom jiftakruh. Skont il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, "L-indulġenza hi l-maħfra quddiem Alla tal-piena taż-żmien li kienet tistħoqq minħabba dnubiet li tagħhom ġa tħassret il-ħtija. Maħfra li n-nisrani b'dispożizzjoni tajba jikseb taħt ċerti kundizzjonijiet determinati, permezz tal-ħidma tal-Knisja li, bħala dispensatriċi tal-fidwa, tqassam u tapplika bl-awtorità tagħha t-teżor tal-merti ta' Kristu u tal-qaddisin.

L-indulġenzi huma parzjali jew plenarji skond jekk jeħilsux parti mill-piena taż-żmien li kienet tistħoqq għad-dnubiet jew ineħħuha kollha. L-insara jistgħu jirbħu l-indulġenzi għalihom stess jew japplikawhom għall-mejtin."



**Pittura ta' Giuseppe Calì**

Fid-Dar Parrokkjali li nsibu fil-pjazza tal-knisja tar-raħal hemm kwadru li fl-imgħoddi kien jinsab fil-knisja. Dan hu xogħol li jġib il-firma magħrufa tal-pittur Malti Giuseppe Calì.[1] Dan il-kwadru tpitter ftit xhur wara dak li nsibu fil-Kolleġġjata ta' Santa Elena f'Birkirkara, jiġifieri madwar is-sena 1912. Dan il-kwadru tħallas mill-aħwa Abela "ulied Indri" u oriġinarjament kien jinsab fuq l-ewwel altar laterali, in-naħa tat-tramuntana, int u dieħel mill-bieb prinċipali. Madankollu meta l-knisja tkabbret bil-bini





tan-navi, tneħħa, u eventwalment sab postu fid-Domus Curialis,[2] illum id-dar tal-Arċipriet.

Id-Dinglin iħobbu l-festa ta' San Ġużepp u fil-fatt fil-knisja tagħhom jgħożżu statwa tiegħu li tinrama għall-festa liturġika tal-qaddis, nhar id-19 ta' Marzu. Id-Dinglin jinżlu wkoll bi ħġarhom biex jiċċelebraw din il-festa fir-Rabat tal-Imdina.

Dwar l-imsemmija statwa, li tinsab fl-ewwel niċċa fin-nava tax-xellug tal-Knisja Arċipretali, ma tantx għandna tagħrif. Hija statwa tal-injam li turi lil San Ġużepp qed iżomm f'dirgħajh lill-Bambin Ġesù. Jingħad li din l-istatwa kienet fil-Kappella ta' Santa Duminka li tinsab fi Triq il-Għajn, iżda lejn l-aħħar tas-snin sittin tas-seklu l-ieħor inġiebet fil-knisja. Il-Kappillan Dun Pawl Caruana kien ħa l-inizjattiva li jirrestawraha u jinduraha u jqiegħda fin-niċċa fejn tinsab illum. Fil-knisja wkoll, San Ġużepp hu figura prominenti f'żewġ kwadri fil-kor, wieħed jurih jingħaqad fis-sagrament taż-żwieġ mal-Madonna u fl-ieħor waqt xena li tirrappreżenta l-Epifanija.

Qabel ma nħallu l-Knisja Arċipretali ta' Ħad-Dingli, jekk inħarsu lejn il-faċċata naraw ukoll li hemm statwa tal-ġebel ta' dan il-qaddis, eżattament mal-ħajt tan-nava tal-lemin. Pariġġa fuq in-naħa l-oħra hemm statwa tal-Assunta. Din hija xhieda oħra ta' kemm id-Dinglin, minbarra l-imħabba kbira li dejjem kellhom lejn il-Madonna, żammew ukoll f'qalbhom lir-raġel għażiż tagħha, San Ġużepp, tant li riedu x-xbieha tiegħu fil-faċċata tat-tempju ddedikat lill-għażiża martu.

**San Ġużepp fir-Rabat tal-Imdina**

Għidna li d-Dinglin iħobbu jinżlu għall-festa ta' San Ġużepp fir-Rabat. Fil-fatt mhux biss id-Dinglin jmorru r-Rabat għall-festa ta' San Ġużepp, li ssir b'pompa kbira fid-19 ta' Marzu, iżda nies minn Malta kollha. Il-festa hija popolari ħafna mhux biss għax tiġi weħidha u terġa' tiftaħ l-aptit għall-festi Maltin wara l-waqfa tax-xitwa, iżda hija popolari wkoll għax mibnija fuq tradizzjoni li tmur lura ferm fis-sekli. L-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, li sal-lum għadha tmexxi dawn il-festi kbar f'ġieh dan il-qaddis, hija waħda mill-eqdem fratellanzi f'Malta u nafu li hi l-ewwel waħda ddedikata lil San Ġużepp b'dokumenti li jeħduha lura qabel is-seklu XVI. F'irħama kommemorattiva li nsibu fis-Santwarju Nazzjonali ta' San Ġużepp biswit il-Knisja ta' Ġieżu, fir-Rabat, nsibu xhieda ta' digriet importanti li fis-16 ta' Ġunju 1508 kien iffirmat kemm mill-awtoritajiet tal-Knisja kif ukoll minn dawk tal-Istat sabiex ikun assigurat li "il-festa tal-Qaddis Patrijarka tiġi ta' kull sena ċċelebrata b'solennità ... għal dejjem u għaż-żminijiet kollha."[3] Il-

Knisja f'Malta kienet irrappreżentata mill-Kapitlu tal-Katidral Metropolitan tal-Imdina, filwaqt li l-Istat mill-Kunsill tal-Ġurati, ukoll stabbilit fl-Imdina.

Meqjum b'għożża f'dan is-Santwarju Ġużeppin hemm statwa antika ferm ta' San Ġużepp Inkurunat, magħrufa wkoll popolarment bħala "San Ġużepp ix-Xiħ". Din hi statwa antika magħmula fl-injam li x'aktarx kienet tagħmel parti minn dekorazzjoni fil-pruwa tal-Gran Caracca Sant'Anna, bastiment li kien jifforma parti mill-qawwa navali tal-Ordni ta' San Ġwann. Tradizzjonalment jingħad li kien il-Gran Mastru L'Isle Adam (1464-1534) li ta din l-istatwa lill-Arċikonfraternità. L-ewwel referenza għal din l-istatwa nsibuha fir-reġistri tal-imsemmija Arċikonfraternità tal-1662.

Matul is-sekli din l-istatwa ġibdet lejha bosta Maltin ta' rieda tajba li quddiemha talbu bil-ħerqa jew grazzji personali nkella oħrajn ta' natura nazzjonali. Fil-fatt insibu li nħarġet kemm-il darba f'pellegrinaġġi nazzjonali li saru biex Malta teħles minn xi flaġell, minn xi mard ikrah bħal pesta u l-kolera, minn katastrofi naturali kif ukoll minħabba f'nuqqas ta' xita. Din id-devozzjoni kibret tant li waslet għall-Inkurunazzjoni tal-istess statwa nhar l-1 ta' Mejju 1963: inkurunazzjoni li saret b'festi kbar fuq il-Fosos tal-Floriana fgati bin-nies, bl-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi jqiegħed kuruna fuq ras San Ġużepp u oħra fuq ras il-Bambin.

**Il-Bastun ta' San Ġużepp**

Il-bastun oriġinali ta' din l-istatwa jitqies minn bosta bħala wieħed mirakoluż. Mhuwiex dak li qiegħed mal-istatwa tal-lum, iżda jinżamm b'għożża mill-Arċikonfraternità u minn żmien għal żmien jittieħed għand xi morda li jitolbuh. F'din is-sena Ġużeppina kien beda jdur il-knejjes tar-Rabat u l-ħsieb kien li jagħmel sena jdur il-parroċċi f'Malta. Għall-festa ta' Santa Marija f'Ħad-Dingli, din is-sena hu mistenni li jkollna magħna dan il-bastun devot u mbierek.



Dan hu bastun sempliċi ħafna fid-dehra tiegħu: magħmul mill-injam b'bukkett fjuri fil-parti ta' fuq. Id-devozzjoni lejh tmur lura għas-seklu XVIII u dejjem baqgħet tikber maż-żmien. Ir-Rettur tal-Arċikonfraternità, is-Sur Anthony Casha, f'intervista fuq l-aħbarijiet tal-istazzjon nazzjonali, TVM, kien stqarr li hemm rapporti ta' fejqan u grazzji maqlugħa wara talb li sar quddiem dan il-bastun, bl-interċessjoni ta' San Ġużepp. Fil-fatt il-bastun huwa biss simbolu tal-qawwa interċessiva li għandu dan il-qaddis.

Santa Tereża ta' Avila kienet għenet ħafna biex tinfirex id-devozzjoni lejh meta kienet tistqarr pubblikament kemm għamel ġid magħha dan il-qaddis. Hija ssostni li San Ġużepp mhux biss jisma' t-talb li nagħmlulu iżda jekk ma jkunux spiritwalment ta' ġid għalina, jimmodifikahom, biex isiru ta' ġid spiritwali għalina. Għax il-grazzji li naqilgħu mingħand Alla, u ħadd iktar, bl-interċessjoni tal-Madonna, ta' San Ġużepp u ta' qaddisin oħra, dejjem għandhom miżjud magħhom il-valur spiritwali minbarra dak materjali. Santa Tereża ta' Avila, u bħalha San Tumas ta' Aquino, jinnutaw li filwaqt li qaddisin oħra għandhom qawwiet interċessivi limitati għal xi speċjalità jew oħra (bħal per eżempju San Blas għall-griżem, San Rajmondu Nonnatu għal waqt il-ħlas, Santa Rita tal-każi Impossibbli, Sant'Antnin għall-ħwejjeġ mitlufin, Santa Barbara għall-maltemp), San Ġużepp għandu qawwa interċessiva komplessiva, li tinkludi kull bżonn li jista' jkollna.

Il-magħruf Josefologu Jean Charlier de Gerson, Kanċillier tal-Università ta' Pariġi kien darba stqarr hekk dwar San Ġużepp: NON IMPETRAT SED IMPERAT: jiġifieri San Ġużepp mhux jitlob iżda jikkmanda. S'intendi, aħna li aħna midħla tal-karattru twajjeb u umli ta' dan il-qaddis forsi niskantaw nisimgħu frażi bħal din. Iżda wieħed irid jifhimha fil-kuntest tagħha. San Ġużepp intgħażel sa mill-

bidu taż-żminijiet, minn fost l-irġiel kollha tal-bieraħ, tal-lum u ta' għada, biex ikun ir-raġel ta' Marija, omm Ġesù, u per konsegwenza, biex ikun ukoll missier Ġesù. Dan skont il-liġi tal-post u taż-żmien tah il-poter ta' Kap ta' Familja, li lilu kemm il-mara kif ukoll l-iben riedu jobdu: xi ħaġa li Marija u Ġesù għamlu bil-qalb kollha, għax kienu jafu li Ġużeppi għamel kollox skont ir-rieda ta' Alla l-Missier. Is-Santi Padri jqisu li din l-awtorità paternali, San Ġużepp, akkwistaha b'don u bi privileġġ mingħand il-Missier Etern, li reħa din il-paternità f'idejh biex jinterpretaha f'ismu fuq din l-art. L-istess Santi Padri jemmnu li tant ħabbu lil San Ġużepp, il-Missier Etern, li fis-sema xtaqu jibqa' jżomm din l-awtorità paternali, u għaldaqstant hu jisma' kull talba li dan jagħmillu f'isimna. Il-qawwa interċessiva ta' San Ġużepp hija waħda li tiżboq lil dik ta' kull qaddis jew qaddisa oħra, ħlief il-Verġni Mbierka, Marija Santissima.

**Patrun tal-Knisja Universali**

Mhux ta' b'xejn li l-Papa Piju IX, aċċetta u għamel tiegħu t-talbiet li waslulu minn kull rokna tad-dinja Kattolika, sabiex lil dan il-qaddis jingħatalu ġieħ għoli li jistħoqqlu. Kien fit-8 ta' Diċembru 1870, ftit anqas minn 150 sena ilu, li dan il-Papa pproklama lil San Ġużepp Patrun tal-Knisja Universali. Hekk kif ħa ħsieb b'tant għożża, b'tant ħeġġa, b'tant dedikazzjoni, b'tant determinazzjoni, lill-Familja Mqaddsa ta' Nazzaret, San Ġużepp baqa' jħares lill-Knisja li waqqaf Ibnu stess biex tkompli l-missjoni tiegħu fuq din l-art. San Ġużepp li ħa ħsieb din il-Knisja sa minn qabel twieldet, u indukraha fl-aktar mumenti fraġli tagħha, kif qatt nistgħu ma nżommuhx bħala l-Patrun u l-Protettur prinċipali tagħha!



Dan hu proprju dak li qed niċċelebraw matul din is-sena "Ġużeppina" li baqgħet qatt ma ġiet iddikjarata uffiċċjalment mill-Knisja (la f'Malta u lanqas f'Ruma) u li qajla ġiet iċċelebrata, għax sfat ukoll vittma tal-COVID-19 li waqqaf kollox u sakkarna fi djarna f'silenzju li qatt ma ħlomna li se ngħixu fiż-żminijiet tal-lum. Jien ngħid li forsi San Ġużepp xtaq li aħna nfakkruh b'dan il-mod matul din is-sena: mhux bid-daqq tal-qniepen u bil-quddies kantat; mhux bid-dwal tat-toroq u bl-armar ikkulurit; mhux bid-daqq tal-marċi mill-baned tagħna; mhux bil-purċissjonijiet alleġrużi tagħna; iżda fis-silenzju ta' darna, flimkien mal-familja intima tagħna, fejn erġajna skoprejna lil xulxin bħala bnedmin bi bżonnijiet żgħar u ħelwin. Forsi riedna niskopru s-silenzju, biex bħalu nerġgħu nisimgħu l-vuċi ta' Alla, nitwaħħdu magħha, nifhmuha kif fehma hu, u nwettqu rieda tiegħu, kif għamel hu.

Fis-silenzju tiegħu San Ġużepp irnexxielu jinsa lilu nnifsu u kull pjan li seta' kellu bħala bniedem. Fis-silenzju tiegħu San Ġużepp warrab kollox biex wettaq biss dak li ried minnu l-Missier Etern: "u qam u għamel dak li qallu l-anġlu tal-Mulej". Ħa lil Marija għandu. Obda lil Ċesri u niżel jinkiteb f'Betlehem. Aċċetta b'umiltà l-għar tal-annimali biex joqgħod fih ma' martu li kienet waslet biex teħles. Indokra lilha u lit-tarbija meta twieldet. Ħarab bihom lejn l-Eġittu biex jeħlishom mill-qilla għajjura ta' Erodi. Ħadem u stinka għalihom. Temagħhom u sqiehom. Libbishom u tahom kenn. Ħadhom lura Nazaret meta ċ-ċirkostanzi storiċi ppermettew dan u hemm għex magħhom fid-dell tal-Istorja sakemm wasal il-mument tar-rivelazzjoni sħiħa tal-Iben t'Alla inkarnat għalina. Iva, bħal kanopew San Ġużepp għatta l-ewwel tabernaklu ta' Ġesù Ewkaristija. Bħal Ġużeppi tal-Antik Testment, li salva lill-poplu tal-Eġittu mill-ġuħ permezz tal-qamħ li ħażen, San Ġużepp salva l-qamħa mbierka li kellha ssir il-Ħobż tal-Ħajja tagħna. Fi kliem ieħor, kien is-salvatur tas-Salvatur tagħna.

**Kelma tal-Aħħar**

Nawgura li lkoll kemm aħna jkollna l-grazzja din is-sena li nilqgħu fostna l-bastun ta' San Ġużepp. Nieqfu quddiemu. Nimmeditaw fuqu. Nitolbu lil San Ġużepp jidħol għalina issa u dejjem quddiem dak li huwa stess rabba fuq din l-art, u quddiem dik li ġabitu fid-dinja. San Ġużepp jismagħna dejjem, għax hu jinsab tant qrib tal-Verġni Marija u ta' Sidna Ġesù Kristu. Il-kelma tiegħu tiswa mitqlu deheb. L-eżempju tiegħu hu imprezzabbli u jekk irridu nkunu devoti veri tiegħu, jeħtieġ nagħmlu kif jħeġġiġna nagħmlu l-qaddis Malti San Ġorġ Preca: nimitawh. Mhux kemm nitolbu jgħodd, imma kemm nagħmlu bħalu. Bħalu rridu noqogħdu lura fil-kliem u d-diskors żejjed, u minflok inkunu nies ta' azzjoni. San Ġużepp, ir-raġel tas-silenzju, kien raġel ta' azzjoni, ta' deċiżjoni, li dejjem wasslet għal soluzzjoni.



**Referenzi**


1 SALIBA, Raymond (1996) "San Ġużepp fil-Pittura ta' Calì" fi *Leħen il-Komunità Ġużeppina tar-Rabat*, Malta, pp. 80-83.

2 FIORENTINO U GRASSO (1991), *Giuseppe Calì 1846-1930*, Malta

3 CASHA, Anthony, Tagħrif moqri waqt kummentarju tal-Quddiesa Solenni ta' nhar il-Festa ta' San Ġużepp, 19 ta' Marzu 2018.


Ritratti mill-festa ta' San Ġużepp fir-Rabat: Sebio Aquilina


